



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0319/2012**

15.10.2012

**\*\*\***

## **RAKKOMANDAZZJONI**

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis ikkaġunat mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali, qiegħ il-baħar u s-sottoswol tiegħu

(09671/2012 – C7-0144/2012 – 2011/0304(NLE))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Anna Rosbach

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	6
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	8



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis ikkaġunat mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali, qiegħ il-baħar u s-sottoswol tiegħu (09671/2012 – C7-0144/2012 – 2011/0304(NLE))**

### **(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (09671/2012),
  - wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis ikkaġunat mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali, qiegħ il-baħar u s-sottoswol tiegħu, meħmuż mal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq,
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0144/2012),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0319/2012),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-Protokoll;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

Fis-27 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni ppubblikat proposta<sup>1</sup> għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis ikkaġunat mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali, qiegħ il-baħar u s-sottoswol tiegħu (il-"Protokoll Offshore"). Adottat fl-14 ta' Ottubru 1994, il-Protokoll Offshore huwa wieħed mill-protokolli tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent tal-Baħar u r-Reġjun Kostali tal-Mediterran, komunement magħruf bħala l-"Konvenzjoni ta' Barċellona", iffirmat fl-1976 u emendat fl-1995. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri kollha tal-UE li għandhom kosta fil-Mediterran huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona, flimkien ma' 14-il pajjiż Mediterran ieħor.

Il-Protokoll Offshore jkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' esplorazzjoni u sfruttament fil-Mediterran, kif ukoll ir-rekwiżiti għall-permessi, it-tneħħija ta' installazzjonijiet mitluqa jew li m'għadhomx jintużaw, l-użu u t-tneħħija ta' sustanzi ta' ħsara, ir-rekwiżiti ta' responsabbiltà u kumpens, il-koordinazzjoni ma' Partijiet oħra tal-Konvenzjoni ta' Barċellona fil-livell reġjonali, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza, l-ippjanar ta' kontinġenza u l-monitoraġġ.

Il-Protokoll daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 2011, wara li ġie ratifikat minn sitt partijiet kontraenti (l-Albanija, it-Tuneżija, il-Marokk, il-Libja, Ċipru u s-Sirja), u sal-lum la ġie ffirmat u lanqas irratifikat mill-Unjoni. L-adeżjoni tal-Unjoni għall-Protokoll, jesiġi, skont l-Artikolu 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Il-ħtieġa ta' aktar sikurezza tal-attivitajiet ta' sfruttament taż-żejt u l-gass offshore ġiet enfasizzata drammatikament mill-inċidenti reċenti, partikolarment mit-tixrid ta' żejt mill-pjattaforma taż-żejt Deepwater Horizon fil-Golf tal-Messiku fl-2010: l-attivitajiet offshore fil-Mediterran x'aktarx jiżdiedu minħabba l-iskoperta ta' riżervi ġodda ta' fjuwil fossili, u inċident bħal dan jista' jkollu effetti immedjati fuq skala kbira fuq Baħar parzjalment magħluq bħall-Mediterran, filwaqt li jikkaġuna konsegwenzi traġiċi għall-ekonomija tiegħu u għall-ekosistemi fraġli tiegħu, u filwaqt li jipperikola l-isforzi magħmula mill-Istati Membri tal-UE li għandhom kosta fil-Mediterran biex jinkiseb u jinżamm status ambjentali tajjeb fl-ibħra tagħhom kif tesiġi d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima.

Huwa ċar li tinħtieġ politika ta' governanza sostenibbli tal-attivitajiet offshore għaż-żejt u l-gass. Ir-rispons ippjanat għas-sitwazzjoni fil-livell tal-UE jinkludi proposta tal-Kummissjoni, li qed tiġi diskussa bħalissa, għal Regolament dwar is-sikurezza tal-attivitajiet offshore ta' prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni taż-żejt u l-gass. Madankollu, huwa ċar li l-konsegwenzi transkonfinali ta' inċident fil-Baħar Mediterran probabbilment ma jkunux limitati għall-pajjiżi tal-UE. Għalhekk, l-UE għandha tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali biex ittejjeb is-sikurezza offshore u l-kapaċità ta' rispons tal-partijiet involuti kollha. Ir-ratifika tal-Protokoll Offshore tkun pass kbir f'din id-direzzjoni, u tikkostitwixxi

---

<sup>1</sup> COM(2011)0690.

wkoll lieva importanti biex ikunu żgurati livell tajjeb ta' kooperazzjoni u l-impenn konkret kontinwu tal-pajjiżi Mediterranji kollha favur il-kisba tal-akbar sikurezza possibbli tal-attivitajiet offshore.

Il-Konvenzjoni ta' Barċellona hija l-qafas legali ideali biex jiġu żviluppati dawn il-politiki internazzjonali. Billi ġie adottat kważi għoxrin sena ilu, meta l-approċċ għal-liġi ambjentali internazzjonali kien differenti, il-Protokoll Offshore jista' jkollu n-nuqqasijiet tiegħu fir-rigward tat-tfassil ta' sistema ta' ġestjoni sostenibbli għall-attivitajiet offshore. Madankollu, m'għandhiex tintilef l-opportunità biex titqiegħed fl-aġenda l-governanza sostenibbli tal-attivitajiet offshore għall-iżvilupp taż-żejt u l-gass fil-Mediterran fil-qafas tas-sistema tal-Konvenzjoni ta' Barċellona.

Fil-fatt, il-Parlament Ewropew diġà esprima l-pożizzjoni tiegħu fir-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar l-isfida tas-sikurezza tal-attivitajiet taż-żejt u l-gass fil-baħar (Rapporteur: Vicky Ford, ECR), li fiha enfasizza "l-importanza tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Offshore tal-Mediterran tal-1994 li mhuwiex irratifikat, iffukat fuq il-protezzjoni kontra l-inkwinament konsegwenza tal-esplorazzjoni u tal-isfruttament".

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, ir-Rapporteur tirrakkomanda li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-adeżjoni tal-UE għall-Protokoll Offshore.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	10.10.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+:                 58 -:                 0 0:                 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Martina Anderson, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Sandrine Bélier, Sergio Berlato, Lajos Bokros, Milan Cabrnach, Martin Callanan, Nessa Childers, Yves Cochet, Bas Eickhout, Edite Estrela, Jill Evans, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Grootte, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Christa Klauß, Eija-Riitta Korhola, Holger Kraemer, Jo Leinen, Corinne Lepage, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Gilles Pargneaux, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Kārlis Šadurskis, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Salvatore Tatarella, Thomas Ulmer, Åsa Westlund, Sabine Wils
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Adam Gierek, Julie Girling, Esther Herranz García, Romana Jordan, Csaba Sándor Tabajdi, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Anna Záborská, Andrea Zannoni